# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 770/01GV**

**Bugeja Bros Limited**

**vs**

**Krosse Joinery Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu s-somma ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1,176.56) minghand is-socjeta' konvenuta, bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija konsistenti f'injam, mibjugha u konsenjata mill liema ammont is-somma ta' hames mija sitta u sebghin lira u sitta u hamsin centezmi (Lm576.56) hija dovuta skond li *statement* Dok. A u sitt mitt lira (Lm600) valur ta' *cheque* li inghata in pagament ta' fatturi precedenti u li ma ssarrafx meta gie prezentat kif jidher mill-kopja Dok. B;

Premess illi ghalkemm interpellata kemm il-darba, is-socjeta' konvenuta naqset li thallas l-ammont dovut;

Premess illi jirrikorru l-eklementi kiollha mehtiega skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12 biex din il-kawza ssir bid-dispensa tas-smiegh kif jidher mill-affidavit tas-socjeta' attrici, ezebit bhala Dok. X;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tordna li din il-kawza ssir bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1,176.56) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija konsistenti f'injam, mibjugha u konsenjata, u valur ta' *cheque* li ma ssarrafx flimkien ma imghaxijiet b'effett mis-7 ta' Jannar, 2000, data tac-*cheque* Dok. B;

Bl-ispejjez konttra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Philip Bugeja;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba

tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**